SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

14 ta' Ottubru 2021 *

"Appell – Servizz pubbliku – Proċeduri dixxiplinari – Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 3 tal-Anness IX – Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 1588 li tistabbilixxi Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' Implimentazzjoni li Tistabbilixxi d-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' Implimentazzjoni li Jikkonċernaw it-Tmexxija tal-Investigazzjonijiet Amministrattivi u tal-Proċeduri Dixxiplinari – Artikolu 4(4) – Investigazzjoni amministrattiva – Smigħ tal-uffiċjal ikkonċernat – Mandat mogħti lill-Uffiċċju tal-Investigazzjoni u d-Dixxiplina (IDOC) sabiex imexxi dan is-smigħ – Drittijiet tad-difiża – Dritt għal smigħ"

Fil-Kawża C-583/19 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fit-30 ta' Lulju 2019,

Belén Bernaldo de Quirós, residenti fi Brussell (il-Belġju), irrappreżentata minn M. Casado García-Hirschfeld, avukat,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn B. Mongin u A.-C. Simon, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Ewwel Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tat-Tieni Awla, I. Ziemele, T. von Danwitz, P. G. Xuereb u A. Kumin (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Belén Bernaldo de Quirós titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-5 ta' Ġunju 2019, Bernaldo de Quirós vs Il-Kummissjoni (T-273/18, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2019:371), li permezz tagħha din il-qorti ċaħdet ir-rikors tagħha intiż, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-6 ta' Lulju 2017 li timponi fuqha s-sanzjoni ta' ċanfira (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kontenzjuża") u, sa fejn neċessarju, tad-deċiżjoni tal-31 ta' Jannar 2018 dwar iċ-ċaħda tal-ilment tagħha mressaq kontra d-Deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll, min-naħa l-oħra, għall-kumpens tad-dannu allegatament imġarrab wara dawn id-deċiżjonijiet.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea

2 L-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, fil-verżjoni tagħhom applikabbli għat-tilwima (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), jipprevedi:

"L-Uffiċjal għandu joqgħod lura minn kull azzjoni jew imġiba li tista' tirrifletti ħażin fuq il-pożizzjoni tiegħu."

3 Skond l-Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal:

"1. Kull nuqqas minn uffiċjal jew minn dak li qabel kien uffiċjal biex iħares l-obbligi tiegħu taħt dawn ir-Regolamenti tal-Persunal, kemm jekk intenzjonalment jew b'negliġenza min-naħa tiegħu, tista' tittieħed azzjoni kontrih.

2. Fejn l-Awtorità tal-Ħatra jew [l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi OLAF] isiru jafu b'evidenza ta' nuqqas fis-sens tal-paragrafu 1, jistgħu jibdew investigazzjonijiet amministrattivi biex jivverifikaw jekk it-tali nuqqas sarx.

3. Regoli, proċeduri u miżuri dixxiplinarji, u r-regoli u l-proċeduri li jkopru l-investigazzjonijiet amministrattivi [huma] mniżżla fl-Anness IX."

4 L-Artikolu 1(1) tal-Anness IX għar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi:

"Kulmeta investigazzjoni mill-OLAF tikxef il-possibbiltà ta' involviment personali ta' uffiċjal jew ta' persuna li qabel kienet uffiċjal, ta' istituzzjoni, dik il-persuna għandha tkun infurmata malajr, sakemm dan mhux ta' ħsara għall-investigazzjoni. F'kull każ, ma jistgħux jittieħdu konklużjonijiet li jirreferu bl-isem ta' uffiċjal meta titlesta l-investigazzjoni mingħajr ma dak l-uffiċjal ikkonċernat jkollu l-opportunità biex jikkumenta fuq il-fatti dwaru. Il-konklużjonijiet għandhom jagħmlu riferenza għal dawn il-kummenti."

5 Skont l-Artikolu 2 ta' dan l-anness:

"1. Ir-regoli ppreżentati fl-Artikolu 1 ta' dan l-Anness għandhom japplikaw, b'kull bidla meħtieġa, għal inkjesti amministrattivi oħra, imwettqa mill-Awtorità tal-Ħatra.

2. L-Awtorità tal-Ħatra għandha tinforma l-persuna kkonċernata meta tintemm l-investigazzjoni, u għandha tikkomunikalha l-konklużjonijiet ta' l-investgazzjoni u, meta mitluba u suġġetta għall-ħarsien ta' l-interessi leġittimi ta' persuni terzi, id-dokumenti kollha li direttament relatati ma' l-allegazzjonijiet li saru kontrih.

3. L-awtorità tal-ħatra ta' kull istituzzjoni għandha tadotta l-arranġamenti ta' l-implimentazzjoni għal dan l-Artikolu, skond l-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal."

6 L-Artikolu 3 tal-imsemmi anness jipprevedi:

"Fuq il-bażi tar-rapport ta' l-investigazzjoni, wara li tavża l-uffiċjal ikkonċernat bl-evidenza kollha fil-*files* u wara li tisma' l-uffiċjal ikkonċernat, l-Awtorità tal-Ħatra tista':

(a) tiddeċiedi li l-ebda każ ma jista' jsir kontra l-uffiċjal, f'liema każ l-uffiċjal għandu jkun avżat b'hekk bil-miktub; jew

(b) tiddeċiedi, anki jekk hemm jew jidher li kien hemm nuqqas biex jitħarsu l-obbligi, li l-ebda miżura dixxiplinarja m'hi se tittieħed u, jekk ikun il-każ, tindirizza twissija lill-uffiċjal; jew

(ċ) fil-każ ta' nuqqas biex jitħarsu l-obbligi, fis-sens ta' l-Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal:
(i) tiddeċiedi li tibda l-proċeduri dixxiplinarji kif provdut fit-Taqsima 4 ta' dan l-Anness, jew
(ii) tiddeċiedi li tibda proċeduri dixxiplinarji quddiem il-Bord Dixxiplinari."

7 L-Artikolu 22(1) ta' din l-anness jistipula:

"Wara li tisma' lill-uffiċjal, l-Awtorità tal-Ħatra għandha tasal għad-deċiżjoni tagħha, kif ipprovdut fl-Artikoli 9 u 10 ta' dan l-Anness fi żmien xahrejn mill-irċevuta ta' l-opinjoni tal-Bord. Ir-raġunijiet iridu jingħataw għal din id-deċiżjoni."

Id-DĠI tal-2004

8 B'applikazzjoni tal-Artikolu 2(3) tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kummissjoni adottat, fit-28 ta' April 2004, id-Deċiżjoni C (2004) 1588 li Tistabbilixxi d-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' Implimentazzjoni li Jikkonċernaw it-Tmexxija tal-Investigazzjonijiet Amministrattivi u tal-Proċeduri Dixxiplinari, ippubblikata fl-Informations administratives Nru 86–2004, tat-30 ta' Ġunju 2004 (iktar 'il quddiem id-"DĠI tal-2004").

9 L-Artikolu 2(1) u (3) tad-DĠI tal-2004, dwar l-attribuzzjonijiet u l-funzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Investigazzjoni u d-Dixxiplina tal-Kummissjoni (IDOC), jipprevedi:

"1. L-IDOC għandu jmexxi l-investigazzjonijiet amministrattivi. F'dawn id-dispożizzjonijiet, 'investigazzjonijiet amministrattivi' jfissru kull azzjoni meħuda mill-uffiċjal mogħti mandat li jkunu intiżi sabiex jistabbilixxu l-fatti u, jekk ikun il-każ, sabiex jiddeterminaw jekk hemmx ksur tal-obbligi li għalihom huma suġġetti l-uffiċjali tal-Kummissjoni. […]

3. L-IDOC għandu jmexxi l-proċeduri dixxiplinari għall-Awtorità tal-Ħatra." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

10 L-Artikolu 3 tad-DĠI tal-2004, intitolat "Modalitajiet dwar l-eżerċizzju tas-setgħat ta' investigazzjoni amministrattiva", jipprovdi:

"1. Id-Direttur kif ukoll il-membri l-oħra tal-IDOC għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom ta' investigazzjoni amministrattiva b'mod indipendenti. Għaldaqstant, fl-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat, huma la għandhom jitolbu u lanqas ma għandhom jirċievu istruzzjonijiet. Huma għandhom l-awtorizzazzjoni sabiex jiksbu d-dokumenti, jitolbu lil kull persuna li taqa' taħt ir-Regolamenti tal-Persunal sabiex tipprovdi informazzjoni u li jwettqu kontrolli fuq il-post.

2. L-investigazzjonijiet amministrattivi għandhom jitmexxew bir-reqqa, jinkriminaw jew jiskaġunaw, u għal perijodu xieraq għaċ-ċirkustanzi u l-komplessità tal-każ.

3. L-IDOC jista' jirċievi appoġġ minn uffiċjali jew dipartimenti speċjalizzati oħra." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

11 Skont l-Artikolu 4 tad-DĠI tal-2004, intitolat "Bidu u tmexxija tal-investigazzjonijiet amministrattivi":

"1. L-investigazzjoni amministrattiva għandha tinbeda *ex officio*, jew inkella fuq it-talba ta' direttur ġenerali u ta' kap ta' diviżjoni, mid-Direttur Ġenerali tal-Persunal u tal-Amministrazzjoni bi ftehim mas-Segretarju Ġenerali.

[…]

3. Id-deċiżjoni li tiftaħ investigazzjoni amministrattiva għandha taħtar lid-Direttur tal-IDOC jew lil uffiċjal ieħor [bħala l-persuna] responsabbli mill-investigazzjoni, tiddefinixxi s-suġġett u l-portata tagħha u teħtieġ li l-uffiċjali li jkunu responsabbli jiddeterminaw ir-responsabbiltajiet fil-qasam abbażi tal-fatti u taċ-ċirkustanzi partikolari, jew, jekk ikun hemm lok, fid-dawl tar-responsabbiltà individwali tal-uffiċjali kkonċernati [mill-investigazzjoni].

4. Hekk kif investigazzjoni amministrattiva tiżvela l-possibbiltà ta' involviment personali ta' uffiċjal f'każ, dik il-persuna għandha tiġi informata, sakemm din l-informazzjoni ma tkunx ta' dannu għall-investigazzjoni. Fi kwalunkwe każ, ma jistgħux jinsiltu konklużjonijiet li jirreferu għall-uffiċjal b'ismu mingħajr ma dan tal-aħħar ikun f'pożizzjoni li jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar il-fatti kollha li jikkonċernawh. Il-konklużjonijiet għandhom jirreferu għal din l-opinjoni. […]

5. L-IDOC għandu jippreżenta rapport ta' investigazzjoni lid-Direttur Ġenerali tal-Persunal u tal-Amministrazzjoni […]. Dan ir-rapport għandu jesponi l-fatti u ċ-ċirkustanzi inkwistjoni; għandu jistabbilixxi jekk ir-regoli u l-proċeduri applikabbli għas-sitwazzjonijiet ġewx osservati u jiddetermina kwalunkwe responsabbiltà individwali, fid-dawl taċ-ċirkustanzi aggravanti jew attenwanti. Il-kopji tad-dokumenti kollha rilevanti u tal-minuti tas-seduti għandhom jiġu mehmuża mar-rapport.

6. Id-Direttur Ġenerali tal-Persunal u tal-Amministrazzjoni għandu jinforma [lill-uffiċjal ikkonċernat] dwar tmiem l-investigazzjoni u għandu jikkomunikalu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' investigazzjoni u, fuq talba, id-dokumenti kollha li jkunu direttament relatati mal-allegazzjonijiet magħmula kontrih, bla ħsara għall-protezzjoni tal-interessi leġittimi ta' terzi.

7. Wara li jkun irċieva rapport ta' investigazzjoni mill-OLAF, id-Direttur Ġenerali tal-Persunal u tal-Amministrazzjoni jista', jekk ikun hemm lok, jitlob lill-OLAF jikkompleta r-rapport, jew jiddeċiedi li jiftaħ huwa stess investigazzjoni amministrattiva, jiftaħ immedjatament proċeduri dixxiplinari, jew inkella jagħlaq il-każ mingħajr ma jieħu azzjoni dixxiplinari." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

12 L-Artikolu 5 tad-DĠI tal-2004, intitolat "Smigħ imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal", jipprovdi:

"1. L-uffiċjal li jkun instema' skont l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jiffirma l-minuti tas-smigħ tiegħu jew jibgħat il-kummenti tiegħu u/jew rimarki f'terminu ta' 15-il jum [kalendarji] minn meta jirċievi dawn il-minuti. Fl-assenza ta' kwalunkwe reazzjoni f'dan it-terminu u barra [il-]każijiet ta' forza maġġuri, il-minuti jitqiesu li ġew approvati.

2. Jekk l-Awtorità tal-Ħatra jew persuna mogħtija mandat minnha għal dan il-għan għandu jkollhom intervisti ma' ċerti persuni wara s-smigħ imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, l-uffiċjal ikkonċernat jirċievi, fuq talba, kopja tal-minuti ffirmati tal-intervisti, bil-kundizzjoni li l-fatti msemmija fihom ikollhom rabta diretta mal-allegazzjonijiet preliminari magħmula kontra l-uffiċjal." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-fatti li wasslu għall-kawża

13 Il-fatti li wasslu għall-kawża jinsabu fil-punti 1 sa 13 tas-sentenza appellata u, għall-ħtiġijiet ta' din il-proċedura, jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

14 L-appellanti, B. Bernaldo de Quirós, kienet ġiet irreklutata bħala uffiċjal tal-Kummissjoni fl-1 ta' Jannar 1987. Wara li kienet il-kap tad-diviżjoni "Multilingwiżmu", hija saret, fl-1 ta' Jannar 2013, il-kap tad-diviżjoni "Uffiċċju tat-Traineeships", li kien għadu kif twaqqaf u ġie konness mad-Direttorat "Iż-Żgħażagħ u l-Isport" tad-Direttorat Ġenerali (DĠ) "Edukazzjoni u Kultura", issa msejjaħ "Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura".

15 Fis-6 ta' Frar 2014, ħames amministraturi tal-fajls li jikkonċernaw ir-reklutaġġ ta' membri tal-persunal bi prova li jaħdmu fid-diviżjoni tal-appellanti ressqu lment kontriha. Huma kkritikawha, b'mod partikolari, b'aġir inaċċettabbli fil-konfront tal-kollaboraturi tad-diviżjoni u tal-irregolaritajiet fil-proċedura ta' selezzjoni tal-membri tal-persunal bi prova tal-Kummissjoni.

16 Fis-26 ta' Marzu 2014, l-Awtorità tal-Ħatra tal-Kummissjoni (iktar 'il quddiem l-"Awtorità tal-Ħatra") tat mandat lill-IDOC sabiex imexxi investigazzjoni amministrattiva fir-rigward tal-appellanti. Il-mandat mogħti lill-IDOC kien ifformulat kif ġej:

"Din l-investigazzjoni hija intiża sabiex jiġi ddeterminat sa fejn [l-appellanti] adottat imġiba mhux xierqa fil-konfront ta' ċerti membri tad-diviżjoni tagħha u marret kontra l-proċeduri ta' selezzjoni ta' membri tal-persunal bi prova mal-Kummissjoni." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

17 Fit-22 ta' Ġunju 2015, l-IDOC bagħat ir-rapport tal-investigazzjoni tiegħu lill-Awtorità tal-Ħatra, skont l-Artikolu 2 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal. F'dan ir-rapport, l-IDOC ikkonkluda li l-appellanti dehret li setgħet wettqet nuqqasijiet fir-rigward ta' obbligi taħt ir-Regolamenti tal-Persunali. B'mod partikolari, l-IDOC qies, l-ewwel, li "l-aġir [tal-appellanti] fil-konfront ta' B.[, Assistent Kap tad-Diviżjoni,] mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Mejju 2013 [kien

jidher] li kellu l-elementi kollha li jikkostitwixxu fastidju psikoloġiku", it-tieni, li "l-aġir [tal-appellanti] fil-konfront ta' C. matul il-laqgħa tal-unità tat-22 ta' April 2013 [seta'] jikkostitwixxi aġir mhux xieraq fis-sens tal-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal" u, it-tielet, li "[l-appellanti] kienet biddlet is-sistema ta' selezzjoni tal-kandidati għal perijodu ta' prova b'mod li ma jippermettix li jiġi ggarantit trattament ugwali u trasparenti lill-kandidati kollha u [li] [seta'] jiġi pperċepit bħala li jiffavorixxi lil uħud għad-detriment ta' oħrajn. Fid-dawl tal-funzjonijiet u tar-responsabbiltajiet [tal-appellanti], l-inizjattiva tagħha tista' titqies bħala ksur tal-Artikolu 21 tar-Regolamenti tal-Persunal".

18 Fid-dawl tar-rapport tal-investigazzjoni tal-IDOC, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ "Riżorsi Umani u Sigurtà" iddeċieda, fit-22 ta' Ġunju 2015 stess, li jagħti mandat lill-IDOC sabiex dan jisma' lill-appellanti, skont l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal. Permezz ta' ittra tat-12 ta' Awwissu 2015, il-konsulenti legali tal-appellanti kkontestaw din id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li kienet tiddelega s-setgħat lill-IDOC sabiex imexxi dan is-smigħ. Fid-9 ta' Settembru 2015, l-Awtorità tal-Ħatra kkonfermat lill-appellanti li s-smigħ tagħha kien ser isir minn żewġ membri tal-IDOC u weġbitha li, skont prassi stabbilita u kkonsolidata, hija setgħet tawtorizza lill-IDOC imexxi s-smigħ imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal minflokha, peress li l-IDOC kien sussegwentement jissottomettilha l-minuti tas-smigħ sabiex tiddeċiedi x'passi ulterjuri għandhom jittieħdu fil-każ. Permezz ta' ittra tas-16 ta' Settembru 2015, il-konsulenti legali tal-appellanti ppreżentaw, quddiem l-Awtorità tal-Ħatra, osservazzjonijiet bil-miktub għall-finijiet tas-smigħ, li fihom huma tennew il-kontestazzjoni tagħhom. Fit-23 ta' Settembru 2015, l-appellanti nstemgħet mill-IDOC fil-preżenza tal-konsulenti legali tagħha.

19 Fis-6 ta' Ottubru 2015, l-IDOC informa lill-appellanti li kien iddeċieda li jilqa' t-talbiet tagħha għas-smigħ ta' xhieda addizzjonali u pproċeda għas-smigħ ta' erba' persuni li kienu membri tad-diviżjoni "Uffiċċju tat-Traineeships" fiż-żmien meta seħħew il-fatti. Il-minuti ta' dawn is-seduti ntbagħtu lill-appellanti, għal kummenti eventwali, fit-23 ta' Ottubru 2015. Il-konsulenti legali tagħha ssottomettew xi kummenti permezz ta' ittra tal-5 ta' Novembru 2015.

20 Fit-22 ta' Diċembru 2015, l-Awtorità tal-Ħatra ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura dixxiplinari quddiem il-Bord Dixxiplinari fir-rigward tal-appellanti, fid-dawl tal-minuti tas-smigħ tagħha skont l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u tad-dokumenti li jakkumpanjawhom.

21 Fil-kuntest tal-proċedura dixxiplinari quddiem il-Bord Dixxiplinari, il-konsulenti legali tal-appellanti ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub quddiem dan il-bord u l-appellanti nstemgħet minn dan tal-aħħar fil-5 ta' Ottubru 2016. L-opinjoni motivata tal-Bord Dixxiplinari ngħatat fis-26 ta' Jannar 2017. F'din l-opinjoni, il-Bord Dixxiplinari kkonkluda li l-appellanti kienet ippreġudikat id-dinjità tal-kariga tagħha, fis-sens tal-Artikolu 12 tar-Regolamenti tal-Persunal. Madankollu, dan il-bord qies li ma kienx xieraq li jipproponi l-impożizzjoni ta' sanzjoni dixxiplinari għas-sempliċi konstatazzjoni, li huwa qies totalment limitata, ta' preġudizzju għad-dinjità tal-kariga u, f'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa ppropona li ma tiġix imposta sanzjoni dixxiplinari fuq il-appellanti.

22 Wara s-smigħ tal-appellanti mill-Awtorità tal-Ħatra tripartitika komposta minn bord ta' tliet diretturi ġenerali tal-Kummissjoni, din l-Awtorità tal-Ħatra tripartitika ddeċidiet, fis-6 ta' Lulju 2017, li tadotta d-Deċiżjoni kontenzjuża.

23 L-appellanti ressqet ilment kontra din id-deċiżjoni, skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, li ġie miċħud mill-Awtorità tal-Ħatra permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Jannar 2018.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

24 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' April 2018, l-appellanti ppreżentat rikors intiż, minn naħa, għall-annullament tad-Deċiżjoni kontenzjuża u, sa fejn meħtieġ, tad-deċiżjoni ta' ċaħda tal-ilment li hija kienet ippreżentat kontra din id-deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu allegatament subit wara dawn id-deċiżjonijiet.

25 Insostenn tat-talbiet tagħha għal annullament, l-appellanti invokat erba' motivi bbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-mandat mogħti lill-IDOC, it-tieni wieħed, fuq applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal li jmur kontra l-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża, it-tielet wieħed, fuq ksur tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet waqt is-smigħ imsemmi fl-Artikolu 22 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u, ir-raba' wieħed, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, fuq żball ta' fatt kif ukoll fuq żball manifest ta' evalwazzjoni għal dak li jikkonċerna s-sanzjoni dixxiplinari ta' ċanfira.

26 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors kollu kemm hu bħala infondat.

It-talbiet tal-partijiet

27 L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla s-sentenza appellata;

– tilqa' t-talbiet ippreżentati fl-ewwel istanza, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż, inklużi dawk imġarrba quddiem il-Qorti Ġenerali.

28 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell, u

– tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

29 Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka aggravju wieħed ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 4(4) tad-DĠI tal-2004, moqrija fid-dawl tal-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża, b'mod partikolari tad-dritt għal smigħ iggarantit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), ma jipprekludux lill-Awtorità tal-Ħatra milli tagħti mandat lill-IDOC sabiex imexxi dan is-smigħ imsemmi fl-Artikolu 3. Dan l-aggravju jinkludi żewġ partijiet.

30 Permezz tal-ewwel parti, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll l-Artikoli 4 u 5 tad-DĠI tal-2004, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta. Permezz tat-tieni parti, hija ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żnaturament tal-fatti.

Fuq l-ewwel parti

L-argumenti tal-partijiet

31 Fl-ewwel lok, l-appellanti ssostni li, fil-punti 81 u 82 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 4(4) tad-DĠI tal-2004, billi qieset li dawn id-dispożizzjonijiet ma jeħtiġux li s-smigħ imsemmi f'dan l-Artikolu 3 jinżamm quddiem l-Awtorità tal-Ħatra. Fil-fehma tagħha, mill-imsemmija dispożizzjonijiet jirriżulta espressament li hija din l-awtorità personalment li għandha tisma' lill-uffiċjal ikkonċernat qabel ma tiddeċiedi, jekk ikun il-każ, li tiftaħ il-proċedura dixxiplinari.

32 Skont l-appellanti, tali formalità hija ta' natura essenzjali, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, sa fejn l-uffiċjal ikkonċernat għandu jinstema' mill-awtorità inkarigata li tiftaħ, jekk ikun il-każ, investigazzjoni dixxiplinari. F'dan ir-rigward, l-appellanti tirrileva li r-rapport sottomess mill-Awtorità tal-Ħatra lill-Bord Dixxiplinari, adottat wara dan is-smigħ, huwa intiż biss li jistabbilixxi l-fatti, fid-dawl, b'mod partikolari, tar-riżultati tal-imsemmi smigħ.

33 Fit-tieni lok, l-appellanti ssostni li l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punti 81 u 82 tas-sentenza appellata, hija vvizzjata bi żball ta' liġi sa fejn il-Qorti Ġenerali ġġustifikat, b'mod żbaljat, in-nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal, jiġifieri l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, permezz ta' regoli interni, jiġifieri d-DĠI tal-2004. Dawn tal-aħħar għandhom saħħa vinkolanti inferjuri għar-Regolamenti tal-Persunal u, konsegwentement, ma jistgħux legalment jistabbilixxu regoli li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ġerarkikament superjuri, bħalma huma l-prinċipji ġenerali tad-dritt jew id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal.

34 Fit-tielet lok, l-appellanti tallega li l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punti 81 u 82 tas-sentenza appellata, fiha kontradizzjoni. Fil-fatt, filwaqt li, fil-punt 81, il-Qorti Ġenerali aċċettat li, konformement mal-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 4(4) tad-DĠI tal-2004, l-obbligu tal-Awtorità tal-Ħatra li tisma' lill-uffiċjal ikkonċernat jinvolvi li din tal-aħħar tiġbor il-kummenti ta' dan tal-aħħar fuq il-fatti kollha inkwistjoni qabel ma tiftaħ, jekk ikun il-każ, abbażi tar-rapport ta' investigazzjoni, proċedura dixxiplinari, il-Qorti Ġenerali indikat, fil-punt 82, li dawn id-dispożizzjonijiet ma jirrikjedux li s-smigħ imsemmi f'dan l-Artikolu 3 jinżamm quddiem l-Awtorità tal-Ħatra.

35 Fir-raba' lok, l-appellanti tqis li l-Qorti Ġenerali, f'dawn l-istess punti 81 u 82 tas-sentenza appellata, marret kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal11 ta' Lulju 1968, Van Eick vs Il-Kummissjoni (35/67, EU:C:1968:39). Minn din is-sentenza jirriżulta li, fil-każ ta' proċedura dixxiplinari, is-smigħ obbligatorju tal-persuna kkonċernata mill-Awtorità tal-Ħatra, kif imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, jikkostitwixxi dispożizzjoni legali stretta. Għaldaqstant, b'applikazzjoni ta' din is-sentenza, l-Artikolu 3 tal-Anness IX għandu jiġi interpretat fis-sens li jimponi fuq l-Awtorità tal-Ħatra l-obbligu li tisma' hija stess lill-uffiċjal ikkonċernat qabel ma tiftaħ, jekk ikun il-każ, il-proċedura dixxiplinari.

36 Fil-ħames lok, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 84 tas-sentenza appellata, adottat interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 5(2) tad-DĠI tal-2004 billi ddeċidiet li din id-dispożizzjoni tawtorizza lill-Awtorità tal-Ħatra "tagħti mandat lil persuna, f'dan il-każ l-IDOC, sabiex tipproċedi għas-smigħ ta' ċerti persuni, inkluż tal-persuna kkonċernata, għal dak li jikkonċerna s-smigħ imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fil-fatt, l-imsemmija dispożizzjoni tipprevedi l-possibbiltà ta' tali delega tal-kompetenzi biss "wara li tisma'" lill-uffiċjal ikkonċernat u bl-għan uniku li jiġu interrogati xhieda.

37 Fi kwalunkwe każ, l-IDOC lanqas ma huwa "persuna", kif indikat b'mod żbaljat il-Qorti Ġenerali fl-imsemmi punt, iżda korp inkarigat li jwettaq, fuq mandat tal-Awtorità tal-Ħatra u b'mod imparzjali u indipendenti, investigazzjonijiet amministrattivi u li jifformola, wara li jintemmu, rakkomandazzjonijiet għall-attenzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra.

38 Fis-sitt u l-aħħar lok, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli, billi kkonfermat il-possibbiltà, għall-Awtorità tal-Ħatra, li tagħti mandat lill-IDOC sabiex imexxi s-smigħ imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, kisret, fil-punti 89 u 90 tas-sentenza appellata, il-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża, li minnu jagħmlu parti, b'mod partikolari, id-dritt għal smigħ u l-prinċipju tal-kontradittorju. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali kienet żbaljat meta ddeċidiet li l-uffiċjal ikkonċernat jista' validament, permezz tal-IDOC, jagħti lill-Awtorità tal-Ħatra l-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-elementi kollha tal-fajl qabel ma din tal-aħħar tiddeċiedi skont l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal. Fil-fatt, minn naħa, dan is-smigħ ma jistax jinżamm minn korp li jkun diġà fassal rapport ta' investigazzjoni li jipproponi li r-responsabbiltà ta' dan l-uffiċjal għandha titqies eżistenti u li, għal dan il-għan, ikun ġabar xhieda, b'mod partikolari dik tal-imsemmi uffiċjal. Min-naħa l-oħra, id-dritt għal smigħ jimplika li l-persuna kkonċernata għandha l-possibbiltà li tinfluwenza l-proċess deċiżjonali billi ssostni l-osservazzjonijiet tagħha quddiem l-Awtorità tal-Ħatra.

39 Skont il-Kummissjoni, l-argument tal-appellanti għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

40 Għal dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-argument tal-appellanti li jgħid li, fil-punti 81 u 82 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 4(4) tad-DĠI tal-2004, għandu, l-ewwel, jitfakkar li l-ewwel dispożizzjoni tipprovdi li, "[f]uq il-bażi tar-rapport ta' l-investigazzjoni, wara li tavża l-uffiċjal ikkonċernat bl-evidenza kollha *fil-files* u wara li tisma l-uffiċjal ikkonċernat", l-Awtorità tal-Ħatra tista', fost oħrajn, tiddeċiedi li tiftaħ il-proċedura dixxiplinari. Għal dak li jirrigwarda t-tieni dispożizzjoni, din tipprovdi li, "[h]ekk kif investigazzjoni amministrattiva tiżvela l-possibbiltà ta' involviment personali ta' uffiċjal f'kawża, dik il-persuna għandha tiġi informata, sakemm din l-informazzjoni ma tkunx ta' dannu għall-investigazzjoni" u li "[f]i kwalunkwe każ, ma jistgħux jinsiltu konklużjonijiet li jirreferu għall-uffiċjal b'ismu mingħajr ma dan tal-aħħar ikun f'pożizzjoni li jesprimi l-opinjoni tiegħu dwar il-fatti kollha li jikkonċernawh" u li "[l]-konklużjonijiet għandhom jirreferu għal din l-opinjoni".

41 Bil-kontra ta' dak li ssostni l-appellanti, mill-formulazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet ma jirriżultax li hija l-Awtorità tal-Ħatra "personalment" li għandha tisma' lill-uffiċjal ikkonċernat qabel ma tiddeċiedi, jekk ikun il-każ, li tiftaħ il-proċedura dixxiplinari.

42 It-tieni, mill-kuntest li fih jinsab l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, jirriżulta li din id-dispożizzjoni timplimenta l-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 1(1) ta' dan l-anness, dispożizzjoni li saret applikabbli għall-investigazzjonijiet amministrattivi mwettqa mill-Awtorità tal-Ħatra mill-Artikolu 2(1) tal-imsemmi anness u li l-kliem tagħha huwa, essenzjalment, riprodott fl-Artikolu 4(4) tad-DĠI tal-2004, li jgħid li ma jistgħux jinsiltu konklużjonijiet relatati b'mod partikolari ma' uffiċjal fi tmiem l-investigazzjoni mingħajr ma dan tal-aħħar ikun f'pożizzjoni li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-fatti li jikkonċernawh.

43 Minn dan isegwi li l-obbligu li l-uffiċjal ikkonċernat jinstema', previst fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u fl-Artikolu 4(4) tad-DĠI tal-2004, huwa intiż sabiex dan ikun jista' jesponi b'mod utli l-perspettiva tiegħu dwar l-istabbiliment tal-fatti mwettaq matul l-investigazzjoni amministrattiva qabel ma l-Awtorità tal-Ħatra tadotta, abbażi tar-rapport ta' investigazzjoni, deċiżjoni dwar il-ftuħ eventwali ta' proċedura dixxiplinari.

44 Issa, dan l-għan jista' jintlaħaq ukoll meta l-uffiċjal ikkonċernat jinstema' mill-IDOC, li jkun mogħti mandat għal dan il-għan mill-Awtorità tal-Ħatra, u mhux mill-Awtorità tal-Ħatra direttament.

45 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, kif għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punt 85 tas-sentenza appellata, li, konformement mal-Artikolu 2(1) u (3) tad-DĠI tal-2004, l-IDOC iwettaq l-investigazzjonijiet amministrattivi intiżi sabiex jiġu stabbiliti l-fatti u jmexxi l-proċeduri dixxiplinari tal-Awtorità tal-Ħatra. Issa, huwa preċiżament fil-kuntest ta' din il-missjoni ta' assistenza lill-Awtorità tal-Ħatra, mogħtija mid-DĠI tal-2004 lill-IDOC, li dan tal-aħħar jista' jirċievi mandat mill-Awtorità tal-Ħatra sabiex jipproċedi, f'isem u għan-nom ta' din tal-aħħar, għas-smigħ previst fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal.

46 Madankollu, għalkemm l-IDOC jista' jipproċedi għas-smigħ imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal fil-kuntest tal-investigazzjoni tal-fatti, l-Awtorità tal-Ħatra tibqa' obbligata tieħu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet ifformulati mill-uffiċjal ikkonċernat matul dan is-smigħ sabiex tkun f'pożizzjoni li tadotta, abbażi tar-rapport ta' investigazzjoni, deċiżjoni informata dwar il-ftuħ eventwali ta' proċedura dixxiplinari.

47 Fil-fatt, hekk kif il-Qorti Ġenerali rrilevat fil-punt 85 tas-sentenza appellata, anki meta l-IDOC jingħata mandat mill-Awtorità tal-Ħatra sabiex jipproċedi għal dan is-smigħ, ma jkunx il-kompitu tiegħu li jiddeċiedi dwar is-segwitu li għandu jingħata lill-investigazzjoni amministrattiva li huwa jkun wettaq, peress li l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-ftuħ eventwali ta' proċedura dixxiplinari, wara s-smigħ tal-uffiċjal ikkonċernat, tkun ir-responsabbiltà esklużiva tal-Awtorità tal-Ħatra.

48 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri flimkien mal-Artikolu 4(4) tad-DĠI tal-2004, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix li l-uffiċjal ikkonċernat mill-investigazzjoni amministrattiva ma jinstemax mill-Awtorità tal-Ħatra direttament, iżda mill-IDOC, li jkun mogħti mandat għal dan il-għan. Għaldaqstant, l-argument tal-appellanti bbażat fuq il-fatt li s-smigħ mill-Awtorità tal-Ħatra jikkostitwixxi formalità essenzjali, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, huwa infondat fid-dritt.

49 Konsegwentement, billi ddeċidiet fil-punt 82 tas-sentenza appellata li l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 4(4) tad-DĠI tal-2004 ma jirrikjedux li s-smigħ imsemmi f'dan l-Artikolu 3 jinżamm quddiem l-Awtorità tal-Ħatra, il-Qorti Ġenerali ma kisritx dawn id-dispożizzjonijiet.

50 Fit-tieni lok, ma jistax jitqies li l-punti 81 u 82 ta' din is-sentenza huma vvizzjati b'motivazzjoni kontradittorja. Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-punt 46 ta' din is-sentenza, filwaqt li l-IDOC jista' jipproċedi għas-smigħ imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Awtorità tal-Ħatra għandha, fi kwalunkwe każ, tieħu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet tal-persuna kkonċernata qabel ma tadotta, abbażi tar-rapport ta' investigazzjoni, deċiżjoni dwar il-ftuħ eventwali ta' proċedura dixxiplinari.

51 Fit-tielet lok, l-argument tal-appellanti li l-Qorti Ġenerali ġġustifikat, b'mod żbaljat, in-nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal permezz ta' regoli interni li jidderogaw minn din id-dispożizzjoni, għandu jiġi miċħud bħala infondat. Fil-fatt, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li mill-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 41 sa 48 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Artikolu 4(4) tad-DĠI tal-2004 ma jidderogax mill-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal.

52 Għal dak li jikkonċerna, fir-raba' lok, l-argument tal-appellanti li l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tinsab fil-punti 81 u 82 tas-sentenza appellata, tal-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 4(4) tad-DĠI tal-2004 tmur kontra l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-11 ta' Lulju 1968, Van Eick vs Il-Kummissjoni (35/67, EU:C:1968:39), għandu jitfakkar li, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-obbligu li l-uffiċjal jinstema' fil-kuntest ta' proċedura dixxiplinari, kif previst fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 7 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, fil-verżjoni tagħhom li kienet fis-seħħ f'dak iż-żmien (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal l-antiki"), jikkostitwixxi regola ta' dritt stretta li, bħala prinċipju, għandha tiġi interpretata bħala li timponi fuq din l-entità l-obbligu li tipproċedi hija stess għas-smigħ tal-persuna kkonċernata.

53 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll, f'din is-sentenza, li kien biss b'osservanza ta' dan il-prinċipju u f'kundizzjonijiet li jiżguraw is-salvagwardja tad-drittijiet tal-persuni kkonċernati li l-Awtorità tal-Ħatra setgħet, għal raġunijiet marbuta mal-funzjonament tajjeb tad-dipartimenti, tafda lil membru wieħed jew iktar tagħha l-missjoni li jisma' lill-uffiċjal ikkonċernat.

54 Issa, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li t-tielet paragrafu tal-Artikolu 7 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal l-antiki jikkorrispondi għall-Artikolu 22 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, u mhux għall-Artikolu 3 ta' dan l-aħħar anness.

55 Min-naħa l-oħra, mis-sentenza tal-11 ta' Lulju 1968, Van Eick vs Il-Kummissjoni (35/67, EU:C:1968:39), jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li t-tielet paragrafu tal-Artikolu 7 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal l-antiki huwa ta' natura stretta minħabba, b'mod partikolari, il-gravità tas-sanzjonijiet li għalihom tista' twassal il-proċedura dixxiplinari msemmija f'dan l-anness.

56 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li proċedura dixxiplinari tinkludi żewġ fażijiet distinti, l-ewwel waħda kkostitwita mill-investigazzjoni amministrattiva li tinkrimina jew li tiskaguna, mibdija permezz ta' deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra u magħluqa, wara li l-persuna kkonċernata tkun instemgħet fuq il-fatti allegati fil-konfront tagħha, permezz ta' rapport ta' investigazzjoni, u t-tieni waħda kkostitwita mill-proċedura dixxiplinari nnifisha, mibdija mill-Awtorità tal-Ħatra abbażi tal-imsemmi rapport ta' investigazzjoni u li tippreżumi li l-uffiċjal jinstema' qabel ma tiġi adottata sanzjoni minnha fir-rigward tiegħu (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-22 ta' Jannar 2019, Kerstens vs Il-Kummissjoni, C-577/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:129, punt 26).

57 Kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 81 tas-sentenza appellata, is-smigħ imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal jagħmel parti mill-ewwel waħda minn dawn il-fażijiet, li tirrigwarda l-istabbiliment tal-fatti għall-finijiet tal-ftuħ eventwali tat-tieni fażi, jiġifieri l-fażi dixxiplinari nnifisha.

58 Issa, b'differenza mill-fażi dixxiplinari nnifisha, li tinkludi, b'mod partikolari, is-smigħ imsemmi fl-Artikolu 22 ta' dan l-anness, l-ewwel fażi ma twassalx għall-adozzjoni ta' sanzjoni dixxiplinari, iżda għall-eventwali deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li tiftaħ l-imsemmija fażi dixxiplinari. Barra minn hekk, din id-deċiżjoni ma tippreġudikax il-pożizzjoni li l-Awtorità tal-Ħatra tkun ser tadotta fi tmiem din it-tieni fażi.

59 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-11 ta' Lulju 1968, Van Eick vs Il-Kummissjoni (35/67, EU:C:1968:39), kif imsemmija fil-punti 52 u 53 ta' din is-sentenza, ma tistax tiġi trasposta għall-każ ineżami, li jikkonċerna l-fażi ta' investigazzjoni tal-proċedura dixxiplinari. Għaldaqstant, l-argument tal-appellanti li jgħid li l-Qorti Ġenerali marret kontra l-imsemmija ġurisprudenza għandu jiġi miċħud bħala infondat.

60 Fil-ħames lok, għal dak li jirrigwarda l-argument tal-appellanti li jgħid li, billi kkonfermat il-possibbiltà għall-Awtorità tal-Ħatra li tagħti mandat lill-IDOC sabiex jipproċedi għas-smigħ imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Qorti Ġenerali kisret, fil-punti 89 u 90 tas-sentenza appellata, il-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża, b'mod partikolari d-dritt għal smigħ u l-prinċipju ta' kontradittorju, għandu jitfakkar, kif għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punt 77 ta' din is-sentenza, li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża, li d-dritt għal smigħ jagħmel parti intergrali minnhom, jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni li japplika għall-persuni kollha u għandu jiġi ggarantit fil-proċeduri kollha li jistgħu jwasslu għal att li jikkawża preġudizzju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs RQ, C-831/18 P, EU:C:2020:481, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 Hekk kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 78 tas-sentenza appellata, l-Artikolu 41 tal-Karta, li jiggarantixxi d-dritt għal amministrazzjoni tajba, jippreċiża, fl-ewwel inċiż tal-paragrafu 2(a) tiegħu, li dan id-dritt jinkludi d-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed kontriha miżura individwali li tolqotha negattivament.

62 Għaldaqstant, b'mod partikolari, id-dritt għal smigħ jiggarantixxi lil kull persuna l-possibbiltà li tesponi, b'mod utli u effettiv, il-perspettiva tagħha matul il-proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni li tista' taffettwa b'mod negattiv l-interessi tagħha (sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, HF vs Il-Parlament, C-570/18 P, EU:C:2020:490, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat, bħalma osservat il-Qorti Ġenerali fil-punt 79 tas-sentenza appellata, li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża, li għandu bħala korollarju l-prinċipju ta' kontradittorju, jeżiġi li l-uffiċjal li fil-konfront tiegħu istituzzjoni tal-Unjoni tkun bdiet proċedura amministrattiva jkun tqiegħed f'pożizzjoni, matul din il-proċedura, li jesponi b'mod effettiv il-perspettiva tiegħu dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti, taċ-ċirkustanzi allegati u tad-dokumenti li din l-istituzzjoni jkollha l-intenzjoni tuża kontrih insostenn tal-allegazzjoni tagħha dwar l-eżistenza ta' ksur għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal.

64 Minn dak li ntqal jirriżulta li d-dritt għal smigħ għandu għan doppju. Minn naħa, iservi għall-istruzzjoni tal-fajl u għall-istabbiliment tal-fatti bil-mod l-iktar preċiż u korrett possibbli u, min-naħa l-oħra, jippermetti li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-persuna kkonċernata (sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, SEAE vs De Loecker, C-187/19 P, EU:C:2020:444, punt 69).

65 Huwa fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti li għandu jiġi vverifikat jekk il-Qorti Ġenerali kisritx id-dritt għal smigħ u l-prinċipju ta' kontradittorju, billi qieset, minn naħa, fil-punt 89 tas-sentenza appellata, li l-fatt li s-smigħ inkwistjoni tmexxa mill-IDOC ma jfissirx li l-appellanti ma tqegħditx f'pożizzjoni li tesponi b'mod utli l-perspettiva tagħha quddiem l-Awtorità tal-Ħatra dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti, taċ-ċirkustanzi allegati u tad-dokumenti li huma s-suġġett tal-fajl dixxiplinari li jirrigwardaha u li fuqhom l-Awtorità tal-Ħatra kienet mistennija tieħu deċiżjoni bis-saħħa tal-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, u min-naħa l-oħra, fil-punt 90 ta' din is-sentenza, li l-appellanti kellha l-possibbiltà tesprimi ruħha qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni li tinfetaħ proċedura dixxiplinari, konformement mal-Artikolu 3.

66 F'dan ir-rigward, l-ewwel, ma huwiex ikkontestat, hekk kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 89 tas-sentenza appellata, li l-appellanti, flimkien mal-konsulenti legali tagħha, mhux biss kellha l-possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet u li tiżgura t-traskrizzjoni korretta tagħhom fil-minuti tas-smigħ inkwistjoni, konformement mal-Artikolu 5 tad-DĠI tal-2004, iżda setgħet ukoll tindirizza osservazzjonijiet dwar il-minuti tas-smigħ tagħha sabiex tgħarraf lill-Awtorità tal-Ħatra bil-pożizzjoni tagħha dwar dan is-suġġett. Bl-istess mod, il-minuti tas-smigħ tax-xhieda mismugħa wara l-appellanti ġew mibgħuta lilha sabiex tkun f'pożizzjoni li tikkomunika l-osservazzjonijiet eventwali tagħha, u hija għamlet preċiżament hekk permezz ta' ittra tal-5 ta' Novembru 2015.

67 Barra minn hekk, huwa stabbilit ukoll, kif ippreċiżat il-Qorti Ġenerali fil-punt 90 tas-sentenza appellata, li, permezz ta' ittri tat-12 ta' Awwissu u tas-16 ta' Settembru 2015, l-appellanti bagħtet lill-Awtorità tal-Ħatra l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha għall-finijiet tas-smigħ tagħha tat-23 ta' Settembru 2015, li fihom hija kkontestat b'mod partikolari l-mandat mogħti mill-Awtorità tal-Ħatra lill-IDOC sabiex imexxi dan is-smigħ kif ukoll xi allegati irregolaritajiet imwettqa minn dan tal-aħħar fit-tmexxija tal-investigazzjoni.

68 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-appellanti setgħet, konformement mal-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, tesponi l-perspettiva tagħha, b'mod utli u effettiv, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li tiftaħ il-proċedura dixxiplinari.

69 Għaldaqstant, hekk kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 90 tas-sentenza appellata, l-appellanti ma tistax tallega li hija ma setgħetx issostni quddiem l-IDOC ċerti elementi, li jirrigwardaw b'mod partikolari l-allegati irregolaritajiet li jivvizzjaw l-investigazzjoni amministrattiva, li hija setgħet issostni quddiem l-Awtorità tal-Ħatra.

70 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata li kisret, fil-punti 89 u 90 tas-sentenza appellata, id-drittijiet tad-difiża tal-appellanti, b'mod partikolari d-dritt tagħha għal smigħ matul il-fażi ta' investigazzjoni tal-proċedura dixxiplinari.

71 Fis-sitt lok, għal dak li jirrigwarda l-argument tal-appellanti li jgħid li, fil-punt 84 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali adottat interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 5(2) tad-DĠI tal-2004, sa fejn hija ddeċidiet li minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-Awtorità tal-Ħatra kellha "l-possibbiltà li tagħti mandat lil persuna, f'dan il-każ l-IDOC, sabiex tipproċedi għas-smigħ ta' ċerti persuni, inkluż tal-persuna kkonċernata, għal dak li jikkonċerna s-smigħ imsemmi

fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal" [traduzzjoni mhux uffiċjali], għandu jitfakkar li skont l-Artikolu 5(2), "[j]ekk l-Awtorità tal-Ħatra jew persuna mogħtija mandat minnha għal dan il-għan għandu jkollhom intervisti ma' ċerti persuni wara s-smigħ imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, l-uffiċjal ikkonċernat jirċievi, fuq talba, kopja tal-minuti ffirmati tal-intervisti, bil-kundizzjoni li l-fatti msemmija fihom ikollhom rabta diretta mal-allegazzjonijiet preliminari magħmula kontra l-uffiċjal". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

72 Għaldaqstant, mill-formulazzjoni tal-imsemmi Artikolu 5(2) jirriżulta li din id-dispożizzjoni tikkonċerna biss l-intervisti li jseħħu, skont il-każ, ma' persuni li ma humiex l-uffiċjal ikkonċernat mill-proċedura dixxiplinari, wara s-smigħ imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal.

73 Minn dan jirriżulta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta, fil-punt 84 tas-sentenza appellata, iddeċidiet li mill-Artikolu 5(2) tad-DĠI tal-2004 kien jirriżulta li l-Awtorità tal-Ħatra kellha l-possibbiltà li tagħti mandat lill-IDOC "sabiex [j]ipproċedi għas-smigħ ta' ċerti persuni, inkluż tal-persuna kkonċernata, għal dak li jikkonċerna s-smigħ imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

74 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li żball ta' liġi mwettaq mill-Qorti Ġenerali ma huwiex ta' natura li jinvalida s-sentenza appellata jekk id-dispożittiv tagħha jidher fondat għal motivi oħra ta' liġi (sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, BP vs FRA, C-601/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:1048, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Issa, id-dispożittiv tas-sentenza appellata, sa fejn jiċħad ir-rikors tal-appellanti, huwa fondat. Fil-fatt, jirriżulta, l-ewwel, mill-punt 48 tas-sentenza preżenti li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet ġustament li l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll l-Artikolu 4(4) tad-DĠI tal-2004 ma jirrikjedux li s-smigħ imsemmi f'dan l-Artikolu 3 jinżamm quddiem l-Awtorità tal-Ħatra. It-tieni, hekk kif jirriżulta mill-punti 65 sa 70 tas-sentenza preżenti, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-fatt li s-smigħ imsemmi fl-Artikolu 3 ma twettaqx mill-Awtorità tal-Ħatra stess, iżda mill-IDOC li kien mogħti mandat għal dan il-għan, ma kienx ta' natura li jippreġudika d-drittijiet tad-difiża tal-appellanti, b'mod partikolari d-dritt tagħha għal smigħ.

76 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li l-iżball imwettaq mill-Qorti Ġenerali, kif ikkonstatat fil-punt 73 tas-sentenza preżenti, la huwa ta' natura li jinvalida s-sentenza appellata, peress li d-dispożittiv ta' din tal-aħħar, sa fejn jannulla r-rikors tal-appellanti, huwa fondat minn raġunijiet oħra ta' liġi. Għaldaqstant, l-argument tal-appellanti li jgħid li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 5(2) tad-DĠI tal-2004 għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

77 Konsegwentement, l-ewwel parti tal-aggravju uniku għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

Fuq it-tieni parti

L-argumenti tal-partijiet

78 L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żnaturament tal-fatti meta qieset, fil-punt 91 tas-sentenza appellata, li, fi kwalunkwe każ, l-allegazzjoni tagħha li d-deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal kienet tkun differenti li kieku nstemgħet direttament mill-Awtorità tal-Ħatra kienet purament ipotetika. Skont l-appellanti, smigħ quddiem l-Awtorità tal-Ħatra seta' jinfluwenza l-proċess deċiżjonali.

79 Il-Kummissjoni titlob li dan l-argument jiġi miċħud bħala infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

80 Għal dak li jirrigwarda t-tieni parti tal-aggravju uniku, ibbażata fuq il-fatt li, fil-punt 91 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żnaturament tal-fatti, għandu jitfakkar li l-argumenti intiżi kontra motiv superfluwu ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u għaldaqstant huma ineffettivi (sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, Schneider vs EUIPO, C-116/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:501, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

81 Issa, hekk kif jirriżulta mill-użu, f'dan il-punt 91, tal-kliem "fi kwalunkwe każ", din it-tieni parti ssemmi raġuni superfluwa żviluppata mill-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, fl-imsemmi punt 91, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, sabiex ksur tad-drittijiet tad-difiża jwassal għall-annullament tad-deċiżjoni, adottata mill-Awtorità tal-Ħatra skont l-Artikolu 3 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, huwa neċessarju li dan il-ksur seta' jkollu effett fuq il-kontenut tagħha, qabel ma jitqies li l-appellanti ma kinitx uriet li, li kieku hija kienet instemgħet direttament mill-Awtorità tal-Ħatra, hija kienet tkun tista' tressaq provi oħra minbarra dawk li din tal-aħħar diġà kienet diġa' taf bihom u li, b'dan il-mod, il-kontenut tad-deċiżjoni ta' din l-awtorità seta' jkun differenti.

82 Għaldaqstant, fil-punt 91 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dwar il-konsegwenzi ta' eventwali ksur tad-drittijiet tad-difiża. Issa, il-Qorti Ġenerali kellha raġun, kif jirriżulta mill-punt 75 tas-sentenza preżenti, li tiddeċiedi li tali ksur ma kienx seħħ fil-każ ineżami. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tieni parti tal-aggravju uniku għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva.

83 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-aggravju uniku għandu jiġi miċħud bħala parzjalment infondat u parzjalment ineffettiv. Konsegwentement, l-appell għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

84 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-appellanti tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż relatati mal-appell, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-appell huwa miċħud.**

2) **Belén Bernaldo de Quirós hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Firem